

# Test sempliċi bla ħlas jista' jsalvalek ħajtek

X'uħud jsibuha bi tqila jitkellmu dwar il-kanċer – aktar u aktar meta jkun kanċer tal-imsaren. Imma jekk titkellem dwaru mat-tabib tiegħek, membri tal-familja, il-maħbubin tiegħek u ħbieb li tafda fihom, dan jista' jsalvalek ħajtek.

Hemm aħbar tajba għax jekk jinstab kmieni, il-kanċer tal-imsaren jista' jiġi kkurat b'suċċess. L-aħbar l-oħra t-tajba hi li l-Gvern Awstraljan għandu programm bla ħlas tal-iskrinjar li jippermettilek tagħmel it-test għall-kanċer tal-imsaren int stess.

Fis-sena li int tagħlaq 50, 55, 60, 65, 70 jew 74, il-Gvern ser jibgħatlek bil-posta kit bla ħlas tat-test tal-iskrinjar. Hemm numru ta' passi fil-proċess tal-ittestjar, imma int tista' tagħmel l-ewwel stadju tat-test fil-privatezza ta' darek.

Trid tkun taf aktar? Mur http://www.cancerscreening.gov.au/bowelcancer/maltese għal dettalji tal-programm fil-lingwa tiegħek.

Jekk tippreferi titkellem ma' interpretu, jekk jogħġbok ċempel 13 14 50 u itlobhom iċemplu l-Linja Telefonika tat-Tagħrif tal-Programm Nazzjonali tal-Iskrinjar tal-Kanċer tal-Imsaren (National Bowel Cancer Screening Program Information Line) fuq 1800 118 868.

Australian Government
Department of Health and Ageing

NATIONAL BOWEL CANCER SCREENING PROGRAM